MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2020

Appell Inferjuri Numru 309/2017/1 LM

**Carlo Muscat (K.I. 105788M)**
(Appellata)

***vs.***

**Jazz Cave Limited (C75655)**
(Appellanta)

**Il-Qorti,**

1. Permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-13 ta' Marzu, 2018, is-soċjetà **Jazz Cave Limited** (C75655), (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"), talbet lil din il-Qorti sabiex a tenur tal-liġi u senjatament l-artikolu 8 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, tħassar u tirrevoka għalkollox s-sentenza *in parte* tat-23 ta' Frar, 2018 tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem

"it-Tribunal") fejn ċaħad it-talba tas-soċjetà appellanta li kienet talbet li titħalla tippreżenta risposta tardiva bil-kontestazzjonijiet tagħha għat-talbiet attriċi. Din id-deċiżjoni ngħatat meta dakinhar tas-smigħ tal-kawża, minflok ma dehru rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, dehret biss l-avukat difensur tas-soċjetà appellanti, li infurmat lit-Tribunal li s-soċjetà konvenuta kien fi ħsiebha tikkontesta t-talba tal-attur.

2. Permezz ta' sentenza *in parte*, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda li l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta huwa wieħed tassattiv, u li s-soċjetà konvenuta kellha tidher hi dakinhar li kienet ser tinstema' l-kawża sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha u mhux tibgħat lill-avukat difensur tagħha. In vista ta' dan in-nuqqas, it-Tribunal iddikjara li s-soċjetà konvenuta baqgħet kontumaċi.

3. Permezz tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni tat-Tribunal, u dan minħabba illi s-sentenza appellata kienet sentenza arbitrarja u li tikser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali ġialadarba s-soċjetà appellanta ma tħallietx tippreżenta r-risposta tagħha u ġiet dikjarata kontumaċi minkejja l-fatt illi:

(a) Fl-ewwel seduta ġie dikjarat illi s-soċjetà konvenuta llum appellanti, kienet qed tikkontesta t-talba u dan permezz tal-avukati difensuri tagħha;

(b) Is-soċjetà appellanta ġġustifikat in-nuqqas tagħha illi tidher personalment għall-ewwel seduta u dehret personalment għat-tieni

seduta;

(c) Illi s-soċjetà appellanta u/jew l-avukati difensuri tagħha ma kienu qatt assenti għall-ebda seduta.

4. L-aggravji tas-soċjetà konvenuta llum appellanta huma s-segwenti:

*"Illi s-soċjetà appellanti ssottomettiet illi meta hija rċeviet l-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ bi żball u bi żvista u minħabba illi ma fehmux in-natura tad-dokumenti, huma naqsu milli jippreżentaw risposta fit-terminu mogħti mil-Liġi;*

*Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tas-soċjetà appellanti fejn qalet illi l-azzjonisti u r-rappreżentanti tas-soċjetà appellanti huma lkoll barranin u għalhekk ma jifhmux bil-lingwa Maltija u peress illi meta rċevew l-avviż tat-talba u l-avviż tas-smigħ ma kienx hemm annessa kopja bil-lingwa Ingliża, ma fehmux il-kontenut tal-istess, it-Tribunal fis-sentenza in parte iddikjara illi:*

*"is-soċjetà konvenuta hija soċjetà rreġistrata Malta u għalhekk hija Maltija ai fini u effetti tal-liġi u li għalhekk jekk id-Diretturi tagħha u kull min għandu x'jaqsam magħha ma jifhimx bil-lingwa Maltija, din ma jaħtix tagħha t-Tribunal".*

*B'kull rispett, is-soċjetà appellanti qatt ma ddikjarat illi dan kien ħtija tat-Tribunal, iżda sempliċiment spjegat għaliex seħħ dan l-iżball jew l-iżvista;*

*Illi s-soċjetà appellanti tissottometti illi t-Tribunal kien żbaljat fejn iddikjara illi "is-soċjetà tikkwota r-Regolament 12 tar-Regoli dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar iżda dan ma jeżistix." Għall-kuntrarju dan ir-Regolament 12 proprju jeżisti u jinsab fil-Leġislazzjoni Sussidjarja bin-Numru 308.01 intitolata 'Regoli dwar Tribunal għat-Talbiet Żgħar", liema artikolu jaqra kif isegwi:*

*"Il-ġudikatur jista' jeħles lil parti li ma jkunx qiegħed jidher għaliha avukat jew prokuratur legali jew rappreżentant professjonali ieħor, mill-konsegwenzi li jista' jkun hemm fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda minn dawn ir-regoli, jekk jintwera li dan ikun sar bi żball, żvista jew kull raġuni oħra li l-Ġudikatur iqis validi. F'dawk il-każi l-Ġudikatur jista' jagħmel ordni li jqis bħala wieħed ġust."*

*Is-soċjetà appellanti tinsisti illi meta s-soċjetà esponenti irċeviet l-imsemmija avviżi u anke sa wara d-data meta kellha tiġi ppreżentata r-risposta, hija ma*

*kinitx assistita minn avukat għal dan il-każ u għalhekk, ai termini tar-regolament 12 hawn fuq ċitat, meta parti ma tkunx assistita minn avukat jew rappreżentant professjonali ieħor, il-Ġudikatur jista' jeħles lill-istess parti mill-konsegwenzi li jista' jkun hemm fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mir-regolamenti, inkluż jiġifieri regolament 4, li jipprovdi li, "il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għat-talba fi żmien tminatx-il jum mid-data meta jkun ġie notifikat bl-avviż tat-talba."*

*Illi għalkemm is-soċjetà appellanti naqset milli tidher personalment waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2017, hija għamlet mezz illi tkun assistita waqt din is-seduta ai termini tal-artikolu 14 tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk waqt din l-istess seduta dehret id-difensur tas-soċjetà appellanti u rreġistrat il-kontestazzjoni tas-soċjetà appellanti a bażi tal-fatt illi kien hemm ksur tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet mir-rikorrenti (ara hawn anness il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2017 immarkat bħala Dok. JC3);*

*Illi s-soċjetà appellanti tat ġustifikazzjoni valida għaliex ma dehritx personalment waqt l-ewwel seduta tas-27 ta' Ottubru 2017 fis-sens illi ġie rilevat illi r-rappreżentanti tas-soċjetà esponenti ma attendewx is-seduta personalment għaliex huma lkoll kienu assenti minn Malta u dan għaliex jgħixu u jaħdmu barra minn Malta u għalhekk ma kienx possibbli għalihom illi jsiefru lejn Malta fil-ġurnata tas-seduta. Fir-rigward tad-direttur Biero Ibrahim, illi l-unika responsabbilità tiegħu fil-kumpannija kienet ta' manager tal-ħanut, huwa assenti minn Malta u intilef kull tip ta' kuntatt minn miegħu. Fir-rigward tad-direttur Mohsen Selim Mansour Al Hawary, dan kien assenti minn Malta fis-27 ta' Ottubru 2017 u kien Londra (kif jidher mill-bank statement, hawn anness u mmarkat bħala Dok. JC4);*

*Illi t-Tribunal injora l-fatt illi fit-tieni seduta tad-19 ta' Jannar 2018 id-direttur tas-soċjetà appellanti Mohsen Selim Mansour Al Hawary deher għas-seduta (ara l-verbal hawn anness u mmarkat bħala Dok. JC5). Irid jingħad ukoll illi d-direttur Mohsen Selim Mansour Al Hawary ma jistax isiefer frekwentement u dan għaliex huwa jbati minn kundizzjoni ta' Frozen Shoulder u jkollu appuntamenti sikwit mal-Orthopaedic Surgeon Simon Gregg-Smith ġewwa Londra u kellu wkoll jagħmel operazzjoni (ara hawn anness u mmarkat Dok. JC6). Infatt sabiex kien possibbli għalih illi jattendi s-seduta tad-19 ta' Jannar 2018 huwa kellu jċaqlaq id-data tal-operazzjoni illi kienet skedata għall-15 ta' Jannar 2018;*

*Illi għalkemm l-Artikolu 13 tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-*

*konvenut", it-Tribunal dejjem għandu d-diskrezzjoni f'dan ir-rigward u dan għaliex il-liġi tipprovdi illi t-Tribunal "jista'" u mhux "it-Tribunal għandu";*

*Ġialdarba s-soċjetà appellanti pprovdiet ġustifikazzjoni għaliex hija naqset milli tidher personalment fl-ewwel seduta tas-27 ta' Ottubru 2017 u dehret personalment fit-tieni seduta, fl-umli opinjoni tas-soċjetà appellanti t-Tribunal kellu jeżerċita din id-diskrezzjoni favur is-soċjetà appellanti u dan anke fid-dawl tal-fatt illi s-soċjetà appellanti u/jew id-difensuri tagħha qatt ma naqsu milli jattendu s-seduti ffissati mit-Tribunal (ara hawn annessi l-verbali kollha tas-seduti u mmarkati bħala Dok. JC3, Dok. JC5, Dok. JC7, Dok. JC8 u Dok. JC9), u lanqas ma ġew ippreżentati kapitoli fil-konfront tas-soċjetà appellanti;*

*F'dan ir-rigward is-soċjetà appellanti tirreferi għas-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, Talba Numru 30/2008 fl-ismijiet John Bartolo vs Celestino Cini u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ippresjeduta mill-Imħallef Philip Sciberras fl-istess kawża. Fis-sentenza t-Tribunal għalkemm il-konvenut kien naqas milli jippreżenta risposta fil-ħin u naqas ukoll milli jidher għas-seduta, u għalkemm ir-rikorrenti kienet ippreżentat kapitoli fil-konfront tal-konvenut, wara li t-Tribunal sema' r-raġuni tal-kontumaċja da parti tal-avukat, ikkonċeda ħamest ijiem mis-seduta sabiex tiġi intavolata risposta. U għalkemm it-Tribunal eventwalment ordna l-kontumaċja għaliex għal darb'oħra l-konvenuta reġa' ppreżenta r-risposta tardivament, il-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma illi lanqas dan ma kien iwassal għall-kontumaċja tal-konvenut u għalhekk ordnat illi tkompli tinstema' l-kawża (ara hawn anness iż-żewġ sentenzi kkwotati u mmarkati bħala Dok. JC10 u Dok. JC11);*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti u għal raġunijiet oħrajn li skont il-liġi jistgħu jitressqu fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, is-soċjetà appellanti umilment titlob lil din il-Qorti tal-Appell jogħġobha tilqa' t-talbiet kollha tagħha u tiddikjara illi hija awtorizzata tippreżenta Risposta tardiva b'kontestazzjoni formali għat-talbiet tar-rikorrent appellat u tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar in toto u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal għal deċiżjoni skont il-liġi, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra r-rikorrent appellat."*

5. L-attur appellat ma ppreżenta l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta.

6. Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar, 2020 fejn l-appell ġie ttrattat

u tħalla għas-sentenza għas-seduta tal-lum.

## Konsiderazzjonijiet

7. Il-Qorti kkonsidrat li s-soċjetà konvenuta, appellanti f'dawn il-proċeduri, ġiet notifikata bl-Avviż tat-Talba u tas-Smigħ quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-1 t'Awwissu, 2017, u li din ma ressqet l-ebda risposta biex tikkontesta t-talba tal-attur. Minkejja dan, waqt l-udjenza tat-Tribunal li nżammet fis-27 ta' Ottubru, 2017, dehret l-avukat difensur tas-soċjetà konvenuta sabiex tinforma lit-Tribunal li t-talbiet tal-attur kienu ser jiġu kkontestati, u dakinhar it-Tribunal ikkonċedielha terminu ta' xahar sabiex din tippreżenta nota fejn tiġġustifika l-kontumaċja;

8. Illi n-nota bil-ġustifikazzjoni għall-kontumaċja tas-soċjetà appellanti ġiet ippreżentata quddiem it-Tribunal fl-20 ta' Novembru, 2017, u l-attur ingħata xahar żmien sabiex iwieġeb għal dik in-nota;

9. Illi t-Tribunal ta deċiżjoni fit-23 ta' Frar, 2018, fejn iddeċieda li ladarba s-soċjetà konvenuta ma kinitx rappreżentata waqt l-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2017, u bagħtet biss lill-avukat difensur tagħha sabiex jitlob awtorizzazzjoni u jkun jista' jippreżenta risposta tardivament, u ladarba l-liġi u senjatament l-artikolu 13(b) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta huwa tassattiv u jimponi li l-konvenut irid jidher hu quddiem it-Tribunal sabiex jiġġustifika l-kontumaċja, xi ħaġa li ma ġratx f'dan il-każ, it-talba tas-soċjetà konvenuta għall-preżentata ta' risposta tardiva, ġiet miċħuda u għalhekk s-

soċjetà konvenuta tqieset li hija kontumaċi;

10. Illi fir-rikors tal-appell tagħha, s-soċjetà appellanta tilmenta mill-fatt li ladarba ma tħallietx tippreżenta r-risposta tagħha quddiem it-Tribunal dan kien jilledi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u d-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Is-soċjetà appellanta tiċċita r-Regolament 12 tar-Regoli dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, u tgħid li dan kellu jiġi applikat għaċ-ċirkostanzi tal-proċeduri odjerni;

11. Il-Qorti tirrileva illi minn qari akkurat ta' dan ir-Regolament, jirriżulta li dan ir-Regolament japplika biss f'każ li parti fi proċeduri quddiem it-Tribunal ma tkunx rappreżentata minn avukat jew prokuratur legali jew minn professjonist ieħor imħarreġ fil-liġi. Huwa fin-nuqqas ta' din ir-rappreżentanza li l-ġudikatur għandu diskrezzjoni jagħti ordni ġust f'każ li jkun jirriżulta li n-nuqqas ta' tħaris ta' xi wieħed minn dawn ir-regoli sar bi żball, bi żvista jew għal kull raġuni valida oħra, kif qiegħda tippretendi s-soċjetà konvenuta;

12. Il-Qorti iżda tirrileva illi l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jagħti lit-Tribunal il-poter li jiddeċiedi t-talba tal-parti attriċi f'każ li l-parti konvenuta ma tidhirx fl-ewwel dehra. Għaldaqstant hemm obbligu ritwali formali li l-parti mħarrka tippreżenta risposta entro t-terminu ta' tmintax-il ġurnata min-notifika lilha tal-att, kif ukoll l-obbligu ritwali ta' sustanza li wieħed jidher quddiem it-Tribunal fl-ewwel dehra. F'każ li parti tkun kontumaċi, u għalhekk tonqos milli tadempixxi mal-obbligi imposti fuqha bil-liġi, din tista' tittenta tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha sabiex b'hekk terġa' tikseb dawk il-jeddijiet proċedurali u proċesswali sabiex tkun tista' tipparteċipa bis-sħiħ fil-

proċeduri miġjuba kontriha;

13. Il-Qorti tirrileva li dak li għamel it-Tribunal fil-proċeduri li kellu quddiemu kien li meta nstab li s-soċjetà konvenuta kienet kontumaċi, inkwantu din naqset milli tippreżenta risposta entro t-terminu stabbilit mil-liġi, u naqset ukoll milli tkun preżenti għall-ewwel udjenza, it-Tribunal ikkonċeda l-fakoltà lid-difensur tas-soċjetà konvenuta tressaq nota li permezz tagħha tagħti r-raġunijiet tas-soċjetà konvenuta għal dawn in-nuqqasijiet;

14. Imma fid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal, minflok ma ngħatat deċiżjoni dwar jekk is-soċjetà konvenuta kinitx ġustifikata fin-nuqqasijiet tagħha, it-Tribunal iddeċieda li ladarba s-soċjetà konvenuta naqset milli tidher quddiemu fl-ewwel udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2017, din għandha titqies li hija kontumaċi stante li dan l-artikolu tal-liġi huwa wieħed tassattiv u jimponi obbligu fuq il-parti li trid twieġeb għat-talba attriċi, li tidher quddiem it-Tribunal. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din id-deċiżjoni, għaliex minn qari ta' dan l-artikolu jidher ċar li dan huwa wieħed fakoltattiv u mhux tassattiv, u bl-ebda mod ma jorbot lit-Tribunal jaqta' l-kawża billi jiddeċiedi li l-parti li naqset milli tidher fl-ewwel dehra, hija kontumaċi. Dak li qed jgħid dan l-artikolu huwa li t-Tribunal jista' jagħti deċiżjoni anki jekk il-parti konvenuta tonqos milli tidher quddiemu fl-ewwel udjenza, irrispettivament minn jekk din il-parti tkunx intavolat risposta għall-proċeduri miġjuba kontriha.

15. Bid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-parti li tonqos milli tidher quddiemu fl-ewwel udjenza, għandha titqies li hija

kontumaċi, irrispettivament minn jekk din kellhiex raġunijiet validi li permezz tagħhom setgħet tiġġustifika l-kontumaċja tagħha. Ladarba ġie ammess l-istitut tal-kontumaċja quddiem it-Tribunal, daqstant ieħor għandha tiġi ammessa l-purgazzjoni jew ġustifikazzjoni tal-kontumaċja. Imma t-Tribunal, minflok ma ddeċieda dwar ir-raġunijiet mogħtija mis-soċjetà konvenuta fin-nota mressqa minnha, iddeċieda li ladarba ħadd mill-esponenti tas-soċjetà konvenuta ma kien preżenti għall-ewwel udjenza, għandu jitqies li din is-soċjetà hija kontumaċi, mingħajr ma ngħata qies tal-ġustifikazzjonijiet mogħtija minnha għall-kontumaċja tagħha.

## <u>Decide</u>

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-appell interpost mis-soċjetà appellanta, u b'hekk tħassar is-sentenza *in parte* mogħtija fil-konfront tagħha tat-23 ta' Frar, 2018, filwaqt li tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal sabiex ikompli bis-smigħ tal-kawża. B'dan illi s-soċjetà konvenuta għandha tingħata terminu ta' tmintax-il ġurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex tressaq ir-risposta tagħha għat-talbiet tal-attur.**

**L-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mis-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**